**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 31 ta' Jannar 2025**

**Rikors Ġuramentat numru: 29/2018 BS**

**George Camilleri**

**-vs-**

**Pauline mart Francis Fenech;**
**B'digriet tas-26 ta' April 2018 Pauline Fenech ġiet maħtura bħala kuratur deputat biex tidher għall-imsiefra Doris mart Joseph Said;**
**B'digriet tad-9 ta' Mejju 2018 l-Avukat Dottor Kevin Mompalao ġie nominat bħala kuratur deputat biex jidher għall-imsiefra William, Jeffrey u Kathleen mart Joseph Chircop; u b'digriet tat-13 ta' Ġunju, 2023 l-atti ġew trasfużi fuq Lucy Camilleri**
**B'digriet tad-9 ta' Mejju 2018 l-Avukat Dottor Kevin Mompalao ġie nominat bħala kuratur deputat biex jidher għall-wirt battal ta' Benedict Camilleri;**
**B'digriet tad-9 ta' Mejju 2018 l-Avukat Dottor Kevin Mompalao ġie nominat bħala kuratur deputat biex jidher għall-wirt battal ta' Marie Therese Camilleri;**
**B'digriet tad-9 ta' Mejju 2018 l-Avukat Dottor Kevin Mompalao ġie nominat bħala kuratur deputat biex jidher għall-wirt battal ta' Marie Rose Camilleri;**
**u b'digriet tal-25 ta' April 2018 ġie kjamat in kawża Emanuel Camilleri.**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur George Camilleri[1] illi ppremetta:**

i. *"Illi fis-26 ta' Novembru 1968 miet f'Victoria, Għawdex, Francis Camilleri, miżżewweġ lil Rita nee' Buttiġieg, iben il-mejtin Paul Camilleri u Rosa nee' Galea (Dok. A).*

ii. *Illi huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu permezz ta' żewġ testmenti magħmula fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo, u cioe' wieħed tat-12 ta' Ġunju 1949 u ieħor tad-9 t'Ottubru 1949, li permezz tagħhom huwa ħalla l-eredita' tiegħu tigi regolata bil-liġi (Doks. B, C, D u E)..*

iii. *Illi I-imsemmi Francis Camilleri kien miżżewweġ darbtejn u cioe' (i) l-ewwel darba lil Concetta Camilleri, u magħha kellu erbgħat ulied u cioe' Benedict, Louis, Maria Therese, u Maria' Rose aħwa Camilieri; u (ii) it-tieni darba kien miżżewweġ lil Rita Camilleri, u magħha kellu erbgħat ulied oħra u cioe' l-attur George, Emanuel, Doris mart Joseph Said, u Pauline mart Francis Fenech.*

iv. *Illi mill-imsemmija eredi u suċċessuri ta' Francis Camilleri, (i) Benedict Camilleri miet ġuvni f'data magħrufa fl-esteru u mhux magħrufa min huma l-eredi tiegħu; (ii) Louis Camilleri miet ukoll f'data mhux magħrufa u huwa prezunt li wirtuh uliedu William, Jeffrey u Kathleen Chircop, aħwa Camilleri; u (iii) Marie Therese u Marie Rose Camilleri mietu wkoll fl-esteru f'data mhux magħrufa u mhux magħruf min huma l-eredi tagħhom.*

V. *Illi l-attur ma jridx jibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti u għalhekk kellu jipprocedi b'din il-kawża.*

VI. *Illi dawn il-fatti qed jigu dikjarati mill-attur George Camilleri li ghandu konoxxenza proprja tagħhom."*

**Talab għalhekk lill din il-Qorti:**

[1] Rik. Ġur. a fol 1 sa 4 b'dokumenti a fol 5 sa 14.

1. *"Tistabbilixxi u tillikwida l-assi appartenenti lill-mejjet Francis Camilleri, dawk mobbli u mmobbli, li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża.*

2. *Taqsam l-assi partikolari tiegħu fl-ishma rizultanti lill-Qorti li l-partijiet ghandhom minn tali proprjetajiet.*

3. *Tahtar perit nominandi sabidx jara jekk il-beni msemmija jistghux jigu kommodament divizi bejn il-partijiet skont il-porzjonijiet li jmissu kull wieħed jew wahda skont il-liġi.*

4. *Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun tad-divizjoni tal-wirt ta' Francis Camilleri f' dik id-data hin u lok li jigu iffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi nominandi li jinhatru sabiex jirrapreżentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

5. *Illi jekk jirriżulta illi l-beni m'humiex kommodament divizibbli bejn il-partijiet, tordna li l-istess proprjeta' tinbiegh b'licitazzjoni u taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportuni, sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-partijiet fil-kwoti lilhom spettanti hawn fuq.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrka għas-subizzjoni ukoll bl-imghaxijiet dekoribbli skont il-liġi."*

**Rat ir-risposta ġuramentata ta' Pauline Fenech f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratur deputat ta' Doris mart Joseph Said[2] fejn ddikjarat:**

*"Illi permezz tagħha huma qeghdin jammettu t-talbiet attriċi in kwantu huma jaqblu li ghandha ssir id-divizjoni mitluba ai termini ta' din il-kawża."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuratur deputat l-Avukat Dottor Kevin Mompalao[3] illi eċċepixxa:**

1. *"Illi qabel xejn trid issir l-korrezzjoni fl-okkju fl-isem tal-konvenuti billi wara l- ismijiet 'William, Jeffrey, u Kathleen mart Joseph Chircop' jizdied il-kliem 'aħwa Camilleri'.*

---

[2] Risposta ġuramentata a fol 33.
[3] Risposta ġuramentata a fol 44 u 45.

2. *Illi l-esponenti kuratur deputat m'huwiex edott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għalhekk filwaqt li f'dan l-istadju jirrimetti ruhu għal-provi migjuba, qieghed jirriserva illi jirrispondi ulterjorment wara li jagħmel kuntatt mal-persuni minnu rappreżentati jew xi hadd minnhom, fl-esteru.*

3. *Illi fil-frattemp peress li din si tratta ta' divizjoni ghandhom jigu osservati l-proceduri u provvedimenti li normalment huma assoccjati ma dawn it-tip ta' kawzi, fosthom l-preżentata tad-denunzja tas-suċċessjoni tal-persuni mejta (jekk applikabbli) prova ta' l-ismha u konsistenza ta' l-assi.*

4. *lili din id-dikjarazzjoni qed issir u tigi kkonfermata bil-ġurament mil-kuratur deputat avukat Dottor Kevin Mompalao li jikkonferma l-fatti suesposti.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-kjamat fil-kawża Emanuel Camilleri[4] illi eċċepixxa:**

1. *"Illi l-esponenti bl-ebda mod u manjiera ma qieghed jopponi li ssir il-qasma mitluba minn George Camilleri;*

2. *Illi huwa da parti tiegħu jiddikjara li huwa jirrisjedi fil-fond 59, Triq l-Isptar San Giljan, Fontana, Għawdex li dan l-istess fond kien il-propjeta' tal-genituri tiegħu u li huwa ghandu kull interess illi sabiex ma jispiccax barra fit-triq ikun jiista jixtri sehem ħutu l-ohra;*

3. *Illi fit-tielet lok, l-esponenti jiddikjara ukoll illi huwa qatt ma oppona jew fixkel milli ssir il-qasma u għaldaqstant l-esponenti umilment jissottometti li huwa ma ghandux jigi imputat ebda spejjes kwalsiasi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Fliet l-atti.**

[4] Risposta ġuramentata a fol 46 u 47.

**Rat** iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Francis Camilleri, iben Paul u Rosa nee' Galea, li miet fl-eta' ta' 77 sena fir-Rabat – Victoria – Għawdex nhar is-26 ta' Novembru, 1968.[5]

**Rat** ir-riċerka testamentarja fuq id-decujus Francis Camilleri minn fejn irriżulta li l-istess decujus ma ħalla ebda testment sigriet iżda ħalla żewġ testmenti pubbliċi, wieħed tat-12 ta' Ġunju, 1949 u ieħor tad-9 ta' Ottubru, 1949, it-tnejn in atti Nutar Francesco Refalo.[6]

**Rat** it-testment tad-decujus tat-12 ta' Ġunju, 1949.[7]

**Rat** it-testment tad-decujus tad-9 ta' Ottubru, 1949 fejn wara d-dispożizzjonijiet soliti, id-decujus għadda sabiex iddikjara t-testment mħolli minnu preċedentement fit-12 ta' Ġunju, 1949 bħala null, revokat u mingħajr effett fil-liġi.[8]

**Rat** ir-rikors tal-attur tat-3 ta' April, 2018 li bih talab il-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-wirtijiet battala ta' Benedict, Marie Therese, u Marie Rose aħwa Camilleri prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi.[9]

**Rat** l-ordni għall-pubblikazzjoni tal-bandi.[10]

**Rat** ir-rikors ulterjuri tal-attur, ukoll tat-3 ta' April, 2018, li bih talab il-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrapreżenti lill-imsiefrin Doris Said kif ukoll lil Willam, Jeffrey u Kathleen Chircop, aħwa Camilleri, ilkoll konvenuti, prevja l-ispedizzjoni tas-soliti bandi.[11]

**Rat** l-ordni għall-pubblikazzjoni tal-bandi.[12]

**Rat** ir-rikors tal-attur tal-20 ta' April, 2018 fejn talab il-kjamat in kawża ta' Emanuel Camilleri.[13]

---

[5] Certifikat a fol 5.
[6] Fol 6 sa 10.
[7] Testment a fol 13 u 14.
[8] Testment a fol 11 u 12.
[9] Rikors a fol 15 u 16.
[10] Ordni a fol 18.
[11] Rikors a fol 21 u 22.
[12] Ordni a fol 26.
[13] Rikors a fol 30 u 31.

**Rat** in-nota tal-konvenuta Pauline Fenech tat-23 ta' April, 2018 li biha aċċettat il-bandu sabiex tidher bħala kuratriċi deputata tal-imsiefra Doris mart Joseph Said.[14]

**Rat** id-digriet tal-25 ta' April, 2018 li bih intlaqgħet it-talba għall-kjamat in kawża ta' Emanuel Camilleri.[15]

**Rat** id-digriet tas-26 ta' April, 2018 li bih Pauline Frenech ġiet nominata bħala kuratriċi deputata sabiex tirrapreżenta lill-imsiefra Doris mart Joseph Said.[16]

**Rat** id-digriet atd-9 ta' Mejju, 2018 li bih, stante n-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-bandi relattivi, ġie maħtur l-Avv. Dr. Kevin Mompalao bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-wirtijiet battala ta' Benedict Camilleri, Marie Therese Camilleri, u Marie Rose Camilleri kif ukoll lill-imsiefra William, Jeffrey, u Kathleen mart Joseph Chircop, aħwa Camilleri.[17]

**Rat** ir-rikors tal-attur tas-6 ta' Settembru, 2018 li bih nforma lill-Qorti li fil-mori ta' din l-istanza, ossia fit-2 ta' Lulju, 2018, miet fl-esteru Emanuel Edward sive William Camilleri, iben id-defunt Louis Camilleri. Talab għalhekk t-trasfuzjoni tal-ġudizzju minn isem Emanuel Edward sive William Camilleri għal isem martu Lucy Camilleri, unika eredi tiegħu.[18]

**Rat** ir-risposta tal-kuratur deputat l-Avv. Dr. Kevin Mompalao tat-12 ta' Settembru, 2018 għar-rikors tal-attur tas-6 ta' Settembru, 2018.[19]

**Rat** ir-replika tal-attur tat-12 ta' Ottubru, 2018 għar-risposta tal-kuratur deputat tat-12 ta' Settembru, 2018.[20]

**Rat** in-nota tal-attur tat-28 ta' Novembru, 2018 b'diversi atti mehmuża magħha li juru t-trasferimenti li seħħew rigward il-proprjeta' ossia dar numru 59 fi Triq l-Isptar, ir-Rabat, Għawdex.[21]

---

[14] Nota a fol 34.
[15] Digriet a fol 32.
[16] Digriet a fol 35.
[17] Digriet a fol 36.
[18] Rikors a fol 75, certifikat tal-mewt a fol 76, testment a fol 77 sa 82.
[19] Risposta a fol 84.
[20] Replika a fol 86 sa 88.
[21] Nota a fol 92 sa 94, dokumenti a fol 95 sa 137. Mit-tali dokumenti jirriżulta li certu Paolo Camilleri li miet fit-28 ta' Awwissu, 1915 – certifikat tal-mewt a fol 95 – ħalla: [**i**] testment *unica charta* ma' martu Rosa Galea datat is-26 ta' Awwissu, 1901 in atti Nutar Giovanni Refalo fejn ġie dikjarat: "[…] *avanti a me Notaio e testimoni infrascritti, Paolo Camilleri, agricoltore, figlio del defunto Benedetto e Rosa sua moglie, figlia del defunto Giorgio Galea ambedue nati e residenti nella Citta' Vittoria* […]" u segwew varji dispozizzjonijiet testamentarji – a fol 102 sa 107; [**ii**] testment tal-31 ta' Awwissu, 1909, ukoll in atti Nutar

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018 l-attur ddikjara l-provi tiegħu magħluqha għajr ghad-dritt li jitlob il-ħatra ta' perit sabiex jistma l-proprjeta' numru 59, Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex.[22]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018, wara li l-kjamat in kawża ddikjara li huwa għamel xi benefikati fil-proprjeta' numru 59, Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex; il-Qorti kif diversament presjeduta talbet lill-attur u lill-kjamat in kawża jagħmlu nota ġuramentata dwar il-benefikati allegatament magħmulha minnhom.[23]

**Rat** in-noti ġuramentati tal-attur u tal-kjamat in kawża dwar il-benefikati reklamati minnhom.[24]

**Rat** li fl-udjenza tas-6 ta' Frar, 2019, il-konvenuta Pauline Fenech iddikjarat il-provi tagħha magħluqha.[25]

**Rat** ir-rikors tal-attur tal-15 ta' Novembru, 2019 fejn talab li jipproduċi provi ulterjuri wara l-għeluq tal-istadju tal-provi tiegħu[26] kif ukoll ir-risposti tal-kuratur deputat l-Avv. Dr. Kevin Mompalao u tal-kjamat in

---

Giovanni Refalo fejn ġie dikjarat: "*Sia a tuti noto e manifesto che personalmente costituito in presenza di noi Notaro ____ sottoscritto Paolo Camilleri, agricoltore, figlio del defunto Benedeoot, nato e residente nella Citta' Vittoria di quest' isola del Gozo da noi Notaro ____ predetto conosciuto; sebbene trovandosi fermo di corpo giacente in letto sano per la grazia di Dio di mente ____ di aver fatto un testament unca charta coll' inoggi defnuta Rosa gia sua moglie* […] *del ventisei del mese di Agosto dell'anno Mille Novecento uno, e volendo oggi aggiungere alter cose al detto suo testmaneto si e deteminato fare il presente un altro testament in vigor del quale il predetto Paolo Camilleri testatore* […] *di piu, il predetto Paolo Camilleri testatore* […] *istituisce ___ eredi universali Concetta celebe Camilleri, Dolora moglie di Gio Maria Attard, Francesco Camilleri, e Giorgio Camilleri, di lui figli in quattro parti e proporzioni uguali*" wara li ħalla diversi legati testamentarji – a fol 108 sa 114; [**iii**] testment ulterjuri tal-10 ta' Ġunju, 1912 in atti Nutar Francesco Refalo fejn ġie dikjarat: "*avanti a me Notaro ed alla presenza degli infrascritti testimoni legalmente idonei e comparso personalmente: Paolo Camilleri , industrial del fu Bendetto nato e residente in Citta' Vittoria di questa isola del Gozo; da ma Notaro conosciuto; il quale trovandosi sano di mente e nel pieno possesso delel sue facolta' intelletuali si e divenuto al suo presente Pubblico testament in aggiunta agli altri da lui testament riċevuti in atti del Notaro Onorato Giovanni Refalo mio padre uno il ventisei Agosto dello anno Mille Novecento e uno e l'altro il trentauno Agosto Mille nove cento e nove in oltre del quale ordina e dispone quanto segue: Articolo Primo: Il suddetto Paolo Camilleri testatore lascia in titolo di prelegato a Concetta celebe Camilleri sua figlia e della defunta Rosa nata Galea il luogo di case posto in Citta' Vittoria, Strada Ospedale, marcata col numero venticinque ove abita atualmente* […] – a fol 115 sa 117; [**iv**] testment tat-12 ta' Ottubru, 1912 in atti Nutar Francesco Refalo li bih ikkancella biss prelegat imħalli lill-ibnu Francesco Camilleri filwaqt li ddispona li fid-divizjoni tal-wirt tiegħu wliedu kollha kellhom igibu in kollazzjoni dak kollu li rcievew fl-okkazzjoni taz-zwiegijiwt tagħhom a fol 118 u 119. Jirizulta ulterjorment li Concetta Camilleri mietet xebba fis-17 ta' Frar, 1940 – certifikat tal-mewt a fol 120 – u ħalliet testment – ref.: certifikat ta' riċerka testamentarja a fol 123 u spjega tal-attur fil-punti tan-nota tiegħu re "Dok. GC11" u "Dok. GC12" – tat-22 ta' Awwissu, 1935 in atti Nutar Francesco Refalo li bih: "*Concetta celebe Camilleri figlia del defunto Paolo nata e residente in Citta' Vittoria a Gozo; a me Notaro nota;* […] *la detta testatriċe Concetta celebe Camilleri* […] *in titolo di legato a Francesco Camilleri di lei fratello la porzione del luogo di case posto in Strada Ospedale in Citta' Vittoria, Gozo,* […] *in piena proprieta'* – a fol 130 u 131. L-attur jipprosegwi b'sensiela ta' dokumenti li juri bdil fin-numri civici fejn jgħid li l-lok tad-djar gja enumerat 25 eventwalment sar dak numru 59 – ref.: estratti minn varji Gazzetti tal-Gvern a fol 133, 134, u 137. Jeżebixxi wkoll estratt mir-Registru Elettorali tal-1952 li juri li Francesco Camilleri u martu Rita Camilleri kienu jgħixu fid-dar numru 43, illum numru 59 – a fol 135 u 136.

[22] Verbal a fol 138.

[23] Verbal a fol 138.

[24] Nota tal-attur a fol 140 sa 142, b'ritratti a fol 143 sa 145. Nota tal-kjamat in kawża a fol 149 u 150. Nota ulterjuri tal-attur a fol 191.

[25] Verbal a fol 146.

[26] Rikors a fol 193.

kawża li segwew.[27] Rat ukoll id-digriet tal-14 ta' Jannar, 2020 fejn ċaħdet it-talba tal-attur.[28]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Ġunju, 2020 il-partijiet ġew ordnati jippreżentaw nota bil-lista tal-assi appartenenti lid-defunt Francis Camilleri.[29]

**Rat** in-nota tal-attur tat-8 ta' Frar, 2021 permezz ta' liema indika li l-unika proprjeta' li kellu missieru, id-defunt Francis Camilleri, kienet id-dar numru 59 fi Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex, bl-għamara li tinsab fiha apparti *fridge*, magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ, u sistema tal-arja kondizzjonata.[30]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Settembru, 2021 il-kuratur deputat Avv. Dr. Kevin Mompalao ddikjara li ma' rnexxilux jagħmel kuntatt mal-patroċinati tiegħu, li għadu mhux edott mill-fatti, u li għalhekk jirrimetti ruhu għall-provi miġjuba.[31]

**Rat** li fl-istess udjenza tal-15 ta' Settembru, 2021 il-kjamat in kawża ddikjara l-provi tiegħu magħluqha.[32]

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2021 l-attur u l-kjamat in kawża ddikjaraw il-kontro-eżamijiet tagħhom eżawriti. Inoltre; l-attur talab il-ħatra ta' perit tekniku sabiex jistma l-fond numru 59, Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex bil-Qorti laqgħet it-talba u nnominat għal dan il-ghan lill-Perit Alexei Pace sabiex jiehu konjizzjoni tal-atti, jaċċedi l-fond, u jħejji stima.[33]

**Rat** ir-rapport tal-Perit Alexei Pace maħluf fit-2 ta' Ġunju, 2022.[34]

**Rat** in-nota tal-kjamat in kawża tat-8 ta' Ġunju, 2021 li biha rriserva li jitlob il-ħatra ta' periti perizjuri.[35]

[27] Risposta tal-kuratur deputat a fol 196. Risposta tal-kjamat in kawża a fol 199.
[28] Digriet a fol 200.
[29] Verbal a fol 203.
[30] Nota a fol 225.
[31] Verbal a fol 231.
[32] Verbal a fol 231.
[33] Verbal a fol 230 u 232.
[34] Rapport a fol 244 sa 259.
[35] Nota a fol 262.

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju, 2022 l-attur irrimetta ruħu għar-rapport tal-Perit Alexei Pace.[36]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Settembru, 2022 il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista titħalla għas-sentenza bil-fakolta' li jsiru n-noti tal-osservazzjonijiet.[37]

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet** ta' l-attur u tal-kjamat in kawża.[38]

**Rat** li b'digriet tas-7 ta' Frar, 2023, il-prolazzjoni tas-sentenza ġiet sospiża stante n-nuqqas ta' digriet dwar ir-rikors tal-attur tas-6 ta' Settembru, 2018 fejn intalbet it-trasfużjoni tal-ġudizzju minn fuq isem il-konvenut Emanuel Edward sive William Camilleri għal fuq isem l-eredi tiegħu, martu Lucy Camilleri.[39]

**Rat** in-nota tal-attur tal-4 ta' April, 2023 li biha ppreżenta kopja taċ-ċertifikati ta' riċerka magħmulha fuq Emanuel Edward sive William Camilleri rigward testmenti pubbliċi u sigrieti.[40]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2023 il-partijiet qablu sabiex il-kawża titħalla għas-sentenza.[41]

**Rat** id-digriet tal-24 ta' Ottubru, 2023 li bih ġiet għal darb'oħra sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-Perit Alexei Pace jerġa jaċċedi fil-fond numru 59, Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex u jistabilixxi jekk tali fond huwiex komodament diviżibbli jew le u, fl-affermattiv, iħejji pjan ta' diviżjoni.[42]

**Rat** ir-relazzjoni ulterjuri tal-Perit Alexei Pace tal-5 ta' Frar, 2024.[43]

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2024 il-partijiet qablu sabiex il-kawża titħalla għas-sentenza.[44]

---

36 Verbal a fol 263.
37 Verbal a fol 264.
38 Nota ta' l-attur a fol 265 sa 270. Nota tal-kjamat in kawża a fol 271 sa 278.
39 Digriet a fol 279.
40 Nota a fol 282, certifikati a fol 283 u 284.
41 Verbal a fol 285.
42 Digriet a fol 286 u 287.
43 Relazzjoni a fol 298 sa 307.
44 Verbal a fol 312.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**George Camilleri**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[45]

Jiddikjara li missieru Francis Camilleri miet fir-Rabat, Għawdex, fis-26 ta' Novembru, 1968. Iżid li huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu b'żewġ testmenti in atti Nutar Francesco Refalo, wieħed tat-12 ta' Ġunju, 1949 u ieħor tad-9 ta' Ottubru, 1949. Jgħid li b'tali testmenti huwa ried li l-eredita' tiegħu tkun regolata mill-liġi.

Jiddikjara li missieru kien miżżewweġ darbtejn: l-ewwel lil Concentta Camilleri li magħha kellu erbat ulied cioe; Benedict, Louis, Marie Therese, u Marie Rose u t-tieni lil Rita Camilleri li magħha wkoll kellu erbat ulied, ċioe; lilu – George – kif ukoll lil Pauline, Doris, u Emanuel.

Jgħid li ommu Rita mietet fil-5 ta' Awwissu, 2016.[46]

Jgħid li mill-imsemmija eredi ta' missieru Benedict miet ġuvni fi Franza f'data mhux magħrufa u mhux magħruf jekk ħalliex eredi; Louis miet fl-Awstralja; u Marie Therese u Marie Rose mietu fi Franza f'data mhux magħruf u wkoll mhux magħruf ħallewx eredi.

Jgħid li huwa akkwista mingħand Kathleen Chircop, in-neputija tiegħu, bint Louis, kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Louis li juri li Louis miet fit-8 ta' Frar, 2018 kif ukoll kopja tal-aħar testment tiegħu li bih innomina bħala eredi tiegħu lill-martu Carmen u f'każ ta' premorjenza tagħha lill-uliedu William, Jeffrey, u Kathleen fi kwoti ugwali bejniethom. Jgħid li mart Louis, Carmen, mietet fl-4 ta' Settembru, 2016 skont iċ-ċertifikat tal-mewt tagħha. Iżid li għalhekk il-werrieta ta' Louis huma uliedu William, Jeffrey, u Kathleen.

---

[45] Affidavit a fol 49 u 50.
[46] Certifikat tal-mewt a fol 132.

Jeżebixxi kopji taċ-ċertifikati tal-mewt ta' Louis[47] u martu Carmen[48] kif ukoll tal-aħħar testment ta' Louis.[49]

Dwar l-aħwa li mietu fi Franza jgħid li huwa għamel l-almu tiegħu sabiex isib meta mietu u minn kienu l-eredi tagħhom. Jgħid li mar anke l-Ambaxxata ta' Franza f'Malta iżda ma' ingħata ebda informazzjoni. Jgħid li fuq struzzjonijiet tal-Ambaxxata f'Malta kiteb lill-Ambaxxata Maltija fi Franza bil-Malti kif ukoll lill-Pulizija Franċiża u lir-raħal fejn kienu jgħixu l-aħwa fi Franza bil-Franċiż. Jeżebixxi kopja ta' l-ittri li bagħat.[50]

Jiddikjara li l-Pulizija Franċiża rrispondiet bl-emajl fejn qalulu li ma' kellhomx informazzjoni u tawh struzzjonijiet jikteb lil *Procureur de la Republique*. Jeżebixxi kopja tal-emajl kif ukoll ta' l-ittra li bagħat lil tali *Procureur*.[51] Jgħid li qatt ma' rċieva risposta għal tali ittra mibgħuta lil *Procureur*.

Jgħid li r-raħal fejn kienu jgħixu l-aħwa rrisponda li anqas kellhom informazzjoni u li talbu l-istess mingħand ir-Reġistratur Elettorali li wkoll ma' kellux informazzjoni. Jeżebixxi kopja tar-risposta.[52]

Jgħid li tant biss jaf minn naħa ta' Franza.

Jiddikjara li sa fejn jaf hu l-unika proprjeta' li kellu missieru kienet id-dar numru 59 fi Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex fejn hu kien jgħix ma' ommu. Jgħid li f'tali dar jgħix ħuh il-kbir; Emanuel. Iżid li Emanuel ilu jgħix hemm mindu ġie lura mill-Awstralja f'xi l-2003.

Jgħid li huwa ma' jridtx jibqa fil-komunjoni ma' ħutu u n-neputijiet u għalhekk għamel din il-kawża.

**Pauline Fenech**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[53]

---

[47] Certifikat tal-mewt a fol 58.
[48] Certifikat tal-mewt a fol 71.
[49] Testment a fol 59 sa 70.
[50] Ittra bil-Malti mibgħuta lill-Ambaxxata Maltija fi Franza a fol 51. Ittra bil-Franciz mibgħuta lir-rahal Franciz a fol 52; ohra a fol 53.
[51] Email responsiva minghand il-pulizija Franciza a fol 54. Ittra mibgħuta lill *Procureur* a fol 55.
[52] Risposta tar-rahal a fol 56. Traduzjzoni tagħha mill-Franciz għall-Ingliz a fol 57.
[53] Affidavit a fol 73.

Tiddikjara li missiera Francis Camilleri miet fis-26 ta' Novembru, 1968 fir-Rabat, Għawdex. Iżżid li huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu b'testment tat-12 ta' Ġunju u ieħor tad-9 ta' Ottubru it-tnejn tal-1949 u t-tnejn in atti Nutar Francesco Refalo. Iżżid li bl-istess testmenti l-eredita' tiegħu tħalliet regolata skont il-liġi.

Tgħid li missiera kien miżżewweġ darbtejn: l-ewwel lil Concetta Camilleri li magħha kellu erbat ulied ossia: Benedict, Louis, Marie Therese, u Marie Rose u mbagħad lil ommha Rita Camilleri li magħha kellu lilha u lil ħutha George, Emanuel, u Doris.

Tgħid li ommha Rita Camilleri mietet fil-5 ta' Awwissu, 2016.

Tgħid li mill-imsemmija eredi ta' missierha, Benedict miet ġuvni fi Franza f'data mhux magħrufa u mhux magħruf ħalliex eredi, Louis miet fl-Awstralja, mentri Marie Therese u Marie Rose t-tnejn mietu fi Franza, f'dati mhux magħrufa, u mhux magħruf ħallewx eredi.

Tgħid li taf li ħuha George għamel minn kollox biex isib meta mietu l-aħwa fi Franza u jekk ħallewx eredi.

Tiddikjara li safejn taf hi l-unika proprjeta' li kellu missiera Francis Camilleri kienet id-dar numru 59 fi Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex fejn kien jgħix ma' ommha. Iżżid li f'tali dar jgħix ħuha Emanuel Camilleri u ilu jgħix hemm mindu ġie lura Malta mill-Awstralja lejn 2003.

Tgħid li hi ma' tridtx tibqa fi stat ta' komunjoni ma' ħutha u n-neputijiet tagħha u għalhekk taqbel li ssir il-qasma.

**Mary Dolores sive Doris Said**, konvenuta, xehdet permezz ta' affidavit.[54]

Tiddikjara li missiera Francis Camilleri miet fis-26 ta' Novembru, 1968 fir-Rabat, Għawdex. Iżżid li huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu b'testment tat-12 ta' Ġunju u ieħor tad-9 ta' Ottubru it-tnejn tal-1949 u t-tnejn in atti

[54] Affidavit a fol 90.

Nutar Francesco Refalo. Iżżid li bl-istess testmenti l-eredita' tiegħu tħalliet regolata skont il-liġi.

Tgħid li missiera kien miżżewweġ darbtejn: l-ewwel lil Concetta Camilleri li magħha kellu erbat ulied ossia: Benedict, Louis, Marie Therese, u Marie Rose u mbagħad lil ommha Rita Camilleri li magħha kellu lilha u lil ħutha George, Emanuel, u Pauline.

Tgħid li ommha Rita Camilleri mietet fil-5 ta' Awwissu, 2016.

Tgħid li mill-imsemmija eredi ta' missierha, Benedict miet ġuvni fi Franza f'data mhux magħrufa u mhux magħruf ħalliex eredi, Louis miet fl-Awstralja, mentri Marie Therese u Marie Rose t-tnejn mietu fi Franza, f'dati mhux magħrufa, u mhux magħruf ħallewx eredi.

Tgħid li taf li ħuha George għamel minn kollox biex isib meta mietu l-aħwa fi Franza u jekk ħallewx eredi.

Tiddikjara li safejn taf hi l-unika proprjeta' li kellu missiera Francis Camilleri kienet id-dar numru 59 fi Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex fejn kien jgħix ma' ommha. Iżżid li f'tali dar jgħix ħuha Emanuel Camilleri u ilu jgħix hemm mindu ġie lura Malta mill-Awstralja lejn 2003.

Tgħid li hi ma' tridtx tibqa fi stat ta' komunjoni ma' ħutha u n-neputijiet tagħha u għalhekk taqbel li ssir il-qasma.

**Ruth Grech**, in rappreżentanza tal-bank *APS*, xehdet[55] li mir-riċerka magħmluha minnha ma' jirriżultax li Rita Camilleri kellha kontijiet bankarji magħhom.

Tgħid li jekk kien hemm minn kellu prokura tagħha u mar sarraf ċekk f'isimha huma ma' jkunux żammu nformazzjoni dwar hekk. Iżżid li anqas kopja tal-prokura ma' jżommu.

[55] Traskrizzjoni a fol 152 sa 154.

**L-Avv. Dr. Shaun Apap Meli**, in rappreżentanza tal-Uffiċju tas-Servizzi Soċjali, xehed[56] li Rita Camilleri kienet tirċievi xi benefiċċji.

Jgħid li normalment il-benefiċċji jitħallsu permezz ta' ċekkijiet. Iżid li d-dipartiment kien beda jħeġġeġ lill-benefiċċjarji jaqilbu għal-sistema ta' *direct bank transfer*.

Jgħid li bħala prokuri d-dipartiment kellu notament li għal Rita Camilleri kien iżomm prokura George Camilleri. Iżid li l-prokura kienet ġiet iffirmata nhar it-2 ta' Marzu, 1995.

Mistoqsi jekk mill-1995 sal-mewt ta' Rita Camilleri baqgħux jaħdmu b'tali prokura jgħid li mil-fajl ma' jirriżultaw ebda prokuri oħrajn.

**In kontro-eżami**,[57] xehed li prokura sservi sabiex id-dipartiment ikollu aġent biex jekk il-benefiċċjarju jkun inferm, ikun hemm minn jidher għalih/a.

Jgħid li notament dwar jekk prokura tkunx ġiet utilizzata fil-fajl m'għandux. Iżid li minkejja dan, ghad-dipartiment jekk mar l-aġent qisu mar il-benefiċċjarju.

Jgħid li ċ-ċekkijiet tal-benefiċċji jintbagħtu d-dar tal-benefiċċjarju bil-posta. Iżid li għalhekk l-iskop tal-prokura m'huwiex sabiex jinġabru ċ-ċekkijiet.

Jgħid li malli benefiċċjarju jiġi dikjarat bħala każ soċjali – bħal meta jinżamm f'isptar – mill-benefiċċju jirċievi biss 20%, bit-80% rimanenti jmur favur l-isptar.

Jgħid li Rita Camilleri kienet tirċievi l-pensjoni tal-eta' u dik tal-mard.

Jeżebixxi varji dokumenti li juru l-benefiċċji perċepiti minn Rita Camilleri tul il-perijodu mill-1 ta' Jannar, 1993 sal-5 ta' Awwissu, 2016.[58]

---

[56] Traskrizzjoni a fol 155 sa 157, u mbaghad a fuq fol 158, b'dan li bejn fol 157 u 158 hemm fol 157c – digriet – li jidher li dahal f'nofs it-traskrizzjoni bi zball.
[57] Traskrizzjoni a fol 158 sa 162.
[58] Dokumenti a fol 163 sa 186.

Jeżebixxi wkoll il-prokura li sab fil-fajl rilaxxata minn Rita Camilleri favur George Camilleri.[59]

**Xehed ulterjorment**[60] li l-aħħar li xehed prometta li jiċċekja jekk prokuratur jistax jibdel il-modalita' ta' ħlas ta' benefiċċju minn ċekk għal *direct bank transfer*. Jgħid li ċċekja u fil-fatt tali aġent ikun jista jitlob tali bidla. Iżid li minkejja dan, fil-każ ta' Rita Camilleri tali talba qatt ma' saret bil-benefiċċji tagħha dejjem tħallsu permezz ta' ċekk.

Jeżebixxi kopji ta' xi *cheque images* li jmorru lura għal-2010.[61]

Jgħid li wħud miċ-ċekkijiet, fuq wara tagħhom, juru minn ikun sarraf l-istess. Jispjega li fejn jagħtu tali nformazzjoni ċ-ċekkijiet juru li dejjem issarfu mill-attur George Camilleri.

Mistoqsi jekk hemmx dettalji ta' ħaddieħor għajr George Camilleri bħala minn sarraf xi ċekk jgħid li le. Iżid li kollha lil George Camilleri juru.

**Il-Qorti rat ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace:**

F'din l-istess, il-perit maħtur mil-Qorti, wara li aċċeda fil-fond numru 59, Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex flimkien mal-attur u l-kjamat in kawża debitament assistiti mid-difensuri legali tagħhom; ikkunsidra t-taqsim f'kmamar u d-dimensjonijiet tal-istess fond, fejn jinsab, ir-realtajiet tiegħu vis-a-vis proprjetajiet ta' terzi, kif ukoll il-*policies* tal-ippjanar applikabbli għalih, u għaddha sabiex stima l-fond fis-suq, liberu u frank, fil-valur ta' €195,000.[62]

**Rat ukoll ir-relazzjoni ulterjuri tal-Perit Alexei Pace** tal-5 ta' Frar, 2024:

F'din l-istess, il-perit, wara li aċċeda fil-fond flimkien mal-attur u l-kjamat in kawża, ha xi qisien tad-diversi ambjenti tal-fond u kkonstata r-realtajiet tagħhom. Ikkunsidra wkoll li f'każ ta' diviżjoni l-istess proprjeta' tkun trid tinqasam f'seba' ishma.

[59] Prokura a fol 187 sa 189.
[60] Traskrizzjoni a fol 212 u 213.
[61] *Cheque images* a fol 214 sa 223, inkluż in verso pagina.
[62] Relazzjoni a fol 244 sa 250, verbal tal-aċċess a fol 251, ritratti a fol 252 sa 258.

Ikkonkluda għalhekk li d-diviżjoni tal-proprjeta' in diżamina tkun tirriżulta fi tnaqqis serju tal-valur tal-assjem u tkun għalhekk preġudizzjevoli għall-fond. Jiddikjara għalhekk li l-istess fond mhuwiex komodament diviżibbli.[63]

## C. Ikkunsidrat:

**Preliminari:**

B'din l-istanza, l-attur, wara li ppremetta li missieru Francis Camilleri miet fis-26 ta' Novembru, 1968 fir-Rabat, Għawdex; li huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu b'żewġ testmenti t-tnejn in atti Nutar Francecso Refalo, wieħed tat-12 ta' Ġunju u l-ieħor tad-9 ta' Ottubru, it-tnejn tas-sena 1949 permezz ta' liema ddispona li l-eredita' tiegħu kellha tiġi regolata skont il-liġi, u; li l-istess missieru kien miżżewweġ darbtejn u kellu erbat ulied minn kull żwieġ; ppremetta ulterjorment li hu ma ridtx jibqa fi stat ta' komunjoni ma' ħutu u n-neputijiet tiegħu[64] b'dan li talab għalhekk: il-likwidazzjoni tal-assi appartenenti lill-missieru Francis Camilleri; id-diviżjoni tal-istess fl-ishma riżultanti lill-Qorti bil-ħatra ta' perit sabiex jistabilixxi pjan ta' diviżjoni u nutar sabiex jippubblika l-atti relattivi, kif ukoll; li f'każ li jirriżulta li l-assi ereditarji mhumiex komodament diviżibbli, il-Qorti tordna l-bejgħ tal-istess bil-liċitazzjoni b'dan li r-rikavat jiġi ripartit bejn il-partijiet fil-kwoti lilhom spettanti.

Il-konvenuti Pauline Fenech u Doris Said qablu mat-talbiet atturi u, għalhekk, qablu li għandha ssir id-diviżjoni kif mitluba mill-attur.

L-Avv. Dr. Kevin Mompalao, kuratur deputat tal-konvenuti rimanenti, ossia; il-konvenuti wirtijiet battala ta' Benedict, Marie-Therese, u Marie-Rose, kif ukoll il-konvenuti aħwa Jeffrey, Kathleen, u William, b'William ġie eventwalment u stante l-mewt tiegħu sostitwit fil-ġudizzju b'martu Lucy Camilleri; wara li ppremetta li huwa mhux edott mill-fatti, *inter alia*,

[63] Relazzjoni a fol 298 sa 302. Ritratti a fol 303 sa 307.
[64] Fi zmien ir-rikors ġuramentat, minflok iben Francis Camilleri Louis kienu jidhru t-tlett uliedu William, Jeffrey, u Kathleen, neputijiet tal-attur. Dan sal-mewt ta' William meta mbagħad l-atti ġew trasfuzi f'isem martu Lucy Camilleri.

irrimetta ruhu għal-provi b'riserva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri wara li jagħmel kuntatt mal-persuni minnu rappreżentati.

Da parti tiegħu, il-kjamat in kawża Emanuel Camilleri laqgħa għat-talbiet atturi billi eċċepixxa li huwa m'għandu ebda oġġezzjoni li ssir d-diviżjoni b'dan li huwa jgħix fil-fond numru 59, Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex, u għandu nteress jakkwista sehem il-familjari tiegħu sabiex jibqa jgħix fih.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Ma' jidhirx li hemm diverġenza bejn il-partijiet li l-unika proprjeta' fl-assi in suċċessjoni tad-defunt Francis Camilleri, missier il-partijiet ilkoll għajr għal Lucy Camilleri, Jeffrey Camilleri, u Kathleen Chircop, li huma dixxendenti tiegħu tramite ibnu Louis Camilleri; hija d-dar numru 59, Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex.

Dan jirriżulta ampjament kemm mill-fatt li din hija l-unika proprjeta' li jsemmi l-kjamat in kawża Emanuel Camilleri fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu[65] u kemm mill-fatt li mogħtija l-opportunita' jagħmlu nota b'lista ta' assi tad-defunt għal ben darbtejn;[66] il-kjamat in kawża naqas milli jagħmel tali nota mentri l-attur debitament ippreżenta n-nota tiegħu tat-8 ta' Frar, 2021 fejn elenka l-istess proprjeta' bl-għamara kontenuta fiha għajr għal-fridge, il-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ, u l-arja kondizzjonata.[67]

Dan jirriżulta konsistenti meta tali nota b'lista ta' assi tad-defunt kif magħmulha mill-attur tiġi kkumparata ma' dik tal-kjamat in kawża tal-31 ta' Mejju, 2019 fejn elenka x-xogħolijiet ta' benefikati li jgħid li saru minnu fl-istess proprjeta' bħala li jinkludu, *inter alia*, tali oġġetti esklużi mill-attur – ossia l-fridge, magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ, u l-arja kondizzjonata.[68]

Il-konsistenza tal-assi ereditarji ġiet ukoll kkonfermata mix-xhieda moghtija b'affidavit kemm tal-attur kif ukoll ta' ħutu l-konvenuti Pauline Fenech u Doris Said.

[65] Ref.: it-tieni eccezzjoni kif tirriżulta a fol 46.
[66] Ref.: verbal tal-udjenza tat-23 ta' Ġunju, 2020 a fol 203 u dak tal-udjenza tat-2 ta' Frar, 2021 a fol 224.
[67] Ref.: nota a fol 225.
[68] Ref.: nota a fol 149 u 150.

Tali proprjeta' tirriżulta li tnisslet għand id-defunt Francis Camilleri mill-poter ta' oħtu Concetta Camilleri li talvolta kienet wirtet l-istess mil-poter ta' missierhom Paolo Camilleri.[69]

Da parti tiegħu, l-istess defunt Francis Camilleri kien imbagħad ħalla żewġ testmenti, it-tnejn in atti Nutar Francesco Refalo, wieħed tat-12 ta' Ġunju u l-ieħor tad-9 ta' Ottubru, it-tnejn tas-sena 1949 li bihom iddispona kif isegwi:

*On this the twelfth (12th) day of June of the year one thousand nine hundred and fortynine (1949)* […]

*Before me Francesco Refalo, Notary Public of Malta, and in the presence of the undersigned qualified witnesses has personally come and appeared:*

*Francis Camilleri, labourer, son of the late Paolo and of the late Rosa nee' Galea, born and residing at Victoria, Gozo* […]

*Testator has left to Rita Buttigieg ____ daughter of Giuseppe and of Grazia nee' Said, born at Victoria, Gozo and residing at ____ Gozo, the enjoyment and usufruct of all his property present and future, movable and immovable, including money, golden and silver articles during her lifetime.*

*His usufructuary shall be dispensed with the formalities of inventory and giving caution* […] *and shall have the right to sell and alienate said property in case of any need to* […]

*On this the ninth (9th) day of October f the year one thousand nine hundred and fortynine (1949)* […]

*Before me Francesco Refalo, Notary Public of Malta, and in the presence of the undersigned qualified witnesses has personally come and appeared:*

*Francesco Camilleri, government employee, son of the late Paolo and of the late Rosa nee' Galea, born and residing at Victoria Gozo* […]

---

[69] Ref.: il-*footnote* numru wieħed u ghoxrin [21] ta' din id-decizjoni bid-dettalji kollha dwar tali provenjenza.

*Said testator Francesco Camilleri does hereby revoke, repeal, and annul his other ____ testament recorded in my acts of the twelfth (12th) day of June of the year one thousand nine hundred and fortynine* […]

*This testament or last will the import whereof has been explained by me the said Notary to the testator Francesco Camilleri has been done read and executed* […]

Isegwi għalhekk li l-proprjeta' fl-assi ereditarji tad-defunt Francis sive Francesco Camilleri baqgħet għad-devoluzzjoni skont il-liġi tas-suċċessjoni *ab intestato* li tipprovdi, *inter alia*, kif isegwi:

**789.** *Il-liġi tagħti l-jedd għas-suċċessjoni ab intestato lid-dixxendenti, lill-axxendenti, lill-qraba kollaterali, lil mart jew żewġ il-persuna mejta u lil-Gvern ta' Malta, fl-ordni u skont ir-regoli miġjuba hawn iżjed 'il quddiem.*

Ma' jirriżultax ikkontestat li d-defunt Francis Camilleri iżżewweġ darbtejn:

L-ewwel darba lil Concetta Camilleri ma' min kellu erbat ulied, ossia lil Louis, Benedict, Marie-Therese, u Marie-Rose, aħwa Camilleri. Illum l-erbgħa li huma preżunti mejtin bil-konferma formali disponibbli għal din il-Qorti hija biss dwar il-mewt ta' Louis Camilleri li fil-fatt intiret minn uliedu William, Jeffrey, u Kathleen aħwa Camilleri[70] u, wara l-mewt ta' ibnu William sive Emanuel Edward, daħlet ukoll bħala suċċessur fit-titolu mart William, Lucy Camilleri.[71]

It-tieni darba lil Rita Camilleri ma' min ukoll kellu erbat ulied ossia lill-partijiet kontendenti George Camilleri – attur, Emanuel Camilleri – kjamat in kawża, Doris Said u Pauline Fenech – konvenuti, ilkoll aħwa Camilleri.

Il-Qorti ma' issibx id-diffikolta' li dwarha għamel sottomissjonijiet il-kjamat in kawża fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu dwar il-

[70] Ref.: certifikat tal-mewt a fol 58 u testment a fol 59 sa 70.
[71] Ref.: dokumenti ossia certifikat tal-mewt a fol 76, testment a fol 77 sa 82, u riċerki a fol 283 u 284.

partijiet li ghandu jkollhom sehem mil-wirt u s-suċċessjoni tad-defunt Francis Camilleri u l-ishma tagħhom.[72]

Dan stante li minkejja dak li jissottometti fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu l-kjamat in kawża; il-proprjeta' li tifforma l-unika assi ereditarju tal-imsemmi defunt tnisslet għandu b'wirt mingħand oħtu kif hawn aktar 'il fuq diġa' spjegat.

Huwa risaput li assi ereditarji ma' jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti b'dan li minkejja li d-defunt Francis Camilleri żżewweġ darbtejn tali proprjeta' dejjem baqgħet parafernali tiegħu tant li tnisslet għand id-dixxendenti tiegħu fl-istat tagħha u għadha hekk għand l-istess dixxendenti tiegħu sal-ġurnata tallum.

Huwa għalhekk li kull dixxendent tad-defunt Francis Camilleri huwa eredi tiegħu f'sehem ugwali indiviż kull wieħed.[73]

Tenut kont li ż-żewġ persuni li d-defunt Francis Camilleri kien lilhom miżżewweġ jirriżultaw mill-atti li huma t-tnejn mejtin;[74] jibqgħu bħala eredi tiegħu fil-liġi uliedu minn kull żwieġ u allura, f'ismha ugwali u ndiviżi bejniethom: Benedict Camilleri, Louis Camilleri, Marie-Therese nee' Camilleri miżżewġa lil Roberto konjumu mhux magħruf,[75] Marie-Rose Pace nee' Camilleri,[76] George Camilleri, Emanuel Camilleri, Doris Said nee' Camilleri, u Pauline Fenech nee' Camilleri.

---

[72] Ref.: parti min-nota tal-osservazzjonijiet finali tal-kjamat in kawża ntitolata *"Provi dwar l-Assi Ereditarji u l-Ishma tal-Istess"* li tibda fil-pagna tal-istess nota tiegħu li tinsab a fol 274 u tispicca a fol 276.

[73] Ref.: Kap. 16; **1334**. (1) *Meta l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata jkunu jeżistu bejn il-miżżewġin, il-beni kollha li ma jaqgħux taħt l-artikolu 1320(a) sa (f) jew ma jkunux dotali huma parafernali. Meta l-beni tal-miżżewġin ikunu miżmuma bis-sistema ta' beni separati, il-beni kollha li m'humiex dotali huma parafernali.* **1320**. *Fil-komunjoni tal-akkwisti jidħlu - (a) dak kollu li ż-żewġ partijiet miżżewġa jakkwistaw bix-xogħol jew bil-ħidma tagħhom; (b) il-frottijiet tal-beni tal-partijiet miżżewġa, magħduda l-frottijiet tal-beni tad-dota jew suġġetti għal fedekommess, sew jekk il-beni kienu għand kwalunkwe wieħed mill-konjuġi minn qabel iż-żwieġ, sew jekk ikunu missew lil parti minnhom wara b'wirt, b'donazzjoni, jew b'titolu ieħor, basta ma jkunux ingħataw jew tħallew bil-kondizzjoni li l-frottijiet tagħhom m'għandhomx jidħlu fl-akkwisti; (ċ) bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi li ma taqbilx, il-frottijiet ta' dawk il-beni tat-tfal li huma suġġetti għall-użufrutt legali ta' kwalunkwe wieħed mill-konjuġi; (d) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li jkunu ġejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni ikun sar f'isem parti waħda mill-miżżewġin; (e) kull beni akkwistati bi flus jew ħwejjeġ oħra li waħda mill-partijiet miżżewġin kellha minn qabel iż-żwieġ, jew li, wara ż-żwieġ, missew lilha b'donazzjoni, b'wirt, jew b'titolu ieħor, ukoll jekk dawk il-beni jkunu hekk akkwistati f'isem dik il-parti, bla ħsara tal-jedd tagħha li tieħu lura l-ispejjeż li tkun għamlet għall-akkwist ta' dawk il-beni; (f) rebħ bix-xorti li jmiss lil parti waħda jew liż-żewġ miżżewġin, u dak is-sehem ta' teżor misjub minn parti minnhom, u li skont il-liġi jmiss lil min isib it-teżor, sew jekk dik il-parti tkun sabet it-teżor fil-fond tagħha, jew fil-fond tal-parti l-oħra, jew fil-fond ta' terzi: Iżda dak is-sehem ta' teżor li jmiss lis-sid tal-fond jibqa' kollu għal dik il-persuna li fil-fond tagħha t-teżor ikun instab.*

[74] Data tal-mewt ta' Concetta Camilleri mhijiex magħrufa mentri dik ta' Rita Camilleri tirriżulta li kienet il-5 ta' Awwissu, 2016 – ref.: certifikat tal-mewt a fol 132 – b'dan li huwa car li Francis Camilleri ma' setghax iżżewweġ it-tieni darba jekk mhux wara divorzju, jew mewt tal-ewwel mara tiegħu.

[75] Ref.: ittra mibgħuta mill-attur lis-sindku ta' Saint-Martin fi Franza a fol 53.

[76] Ref.: ittra mibgħuta mill-attur lis-sindku ta' Saint-Martin fi Franza a fol 53.

Jirriżulta ċar mill-atti li fil-lok ta' iben id-defunt Francis, Louis Camilleri, daħlu wliedu William, Jeffrey, u Kathleen, ilkoll konvenuti, b'William ġie wara mewtu sostitwit fl-atti b'martu Lucy Camilleri. B'dan li għalhekk l-istess Lucy, Jeffrey, u Kathleen jibqgħu ntitolati biss għas-sehem wieħed li kien jispetta li missierhom mil-wirt ta' missieru bejniethom.

Fir-rigward tal-aħwa Benedict, Marie-Therese, u Marie-Rose jirriżulta mill-atti li minkejja t-tentattivi tal-attur George Camilleri kif ukoll tal-kuratur deputat l-Avv. Dr. Kevin Mompalao; mhuwiex risaput meta dawn mietu u jekk ħallewx eredi.[77] B'dan li din il-Qorti ma' tistax ċċaħħad lill-potenzjali suċċessuri fit-titolu tagħhom minn dawk l-ishma li jistgħu jippervjenu lilhom mill-wirt u l-eredita' ta' l-awtur tagħhom id-defunt Francis Camilleri.

Magħdud dan, tenut kont ta' dak dikjarat mill-Perit Alexei Pace fit-tieni relazzjoni tiegħu maħlufa nhar il-5 ta' Frar, 2024[78] dwar l-impossibilita' tad-diviżjoni tal-unika proprjeta' formanti l-assi ereditarji tad-defunt Francis Camilleri; din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tordna il-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-istess proprjeta', bir-rikavat jinqasam bejn l-eredi tal-istess defunt.

Jibqa għalhekk il-kwistjoni dwar x'għandu jiġri mis-sehem li jista' talvolta jirriżulta dovut lill-potenzjali eredi ta' l-aħwa Benedict, Marie-Therese, u Marie-Rose.

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tosserva li hawn f'din l-istanza ma' ġie bl-edba mod allegat li tali persuni setgħu ddekadaw minn xi drittijiet ta' suċċessjoni talvolta spettanti lilhom kif seħħ, per eżempju, fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar is-17 ta' Mejju, 2006 fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Dr. Joseph Grech noe*** fejn ġie deċiż:

1. *tiddikjara illi l-atturi kienu saru proprjetarji uniċi u esklussivi, bis-saħħa tal-preskrizzjoni fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili, ta' l-art fi Triq San Blas, Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tlett mija u disgħa u sebgħin punt tlieta tlieta (379.33m.k.) inkluż fiha l-isqaq u konfinanti*

[77] Ref.: dokumenti li juru tentattivi varji magħmulha mill-attur sabiex jikseb kwalunkwe' informazzjoni a fol 51 sa 57. Ref. ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-Avv. Dr. Kevin Mompalao fil-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Settembru, 2021 a fol 231.
[78] Relazzjoni a fol 298 *et seq.*

*mill-punent in parti ma' Triq San Blas u in parti ma' beni ta' Frankie Camilleri, min-nofsinhar u tramuntana ma' beni tal-familja Camilleri 'ta' Zimech'' u*

2. *konsegwentement tiddikjara illi l-kwart mir-rikavat mill-bejgħ ta' din l-art illi fuq il-kuntratt tan-Nutar Josienne Mifsud ġie ritenut mill-kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-eredita' ġjaċenti, jew l-eredi mhux magħrufa jew assenti ta' Josephine Muscat, jappartjeni fl-intier tiegħu lill-atturi, u għalhekk tordna r-rilaxx ta' dan il-kwart, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż relattivi kollha, lill-istess atturi.*

Konsegwenetement, din il-Qorti ma' tistax tkun hi li ċċaħħad lil xi potenzjali eredi minn dak li jispetta lilhom; partikolarment ukoll fin-nuqqas ta' prova li l-imsemmija aħwa Benedict, Marie-Therese, u Marie-Rose għaddew fil-fatt għall-ħajja aħjar u ħallewx jew le eredi u sejra għalhekk tiehu l-prekawzjonijiet neċessarji fil-parti diżpożittiva.

Dwar benefikati li l-attur u l-kjamat in kawża jgħidu li għamlu fid-dar numru 59, Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex: il-Qorti tosserva primarjament li n-noti relattivi li fihom l-istess partijiet elenkaw dawk ix-xogħolijiet li jgħidu li għamlu qajla u f'xi istanzi biss jgħidu meta sar l-istess xogħol. Din il-Qorti hija għalhekk fl-impossibilita' li tqies kemm setgħa kien it-tnaqqis fuq l-istess investimenti per konsegwenza tal-użu u tat-trapass taż-żmien.

Oltre minn hekk, l-istess xogħolijiet hekk elenkati jirriżultaw li huma primarjament ta' manutenzjoni.

Finalment, il-kjamat in kawża donnu wkoll jippretendi xi kumpens għax-xogħol li jgħid li għamel filwaqt li ma' jagħti ebda ndikazzjoni ta' propensita' li joffri xi tip ta' kontribuzzjoni għall-fatt li ilu ammont ta' snin jgħix fl-istess dar.[79]

Għaldaqstant, din il-Qorti mhijiex sejra tgħaddi sabiex tillikwida valur *arbitrio boni viri* kif minnha mitlub mill-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu dwar xi xogħolijiet minn dawn.

[79] Nota tal-attur a fol 140 sa 142, b'ritratti a fol 143 sa 145. Nota tal-kjamat in kawża a fol 149 u 150. Nota ulterjuri tal-attur a fol 191.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq mogħtija din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kjamat in kawża konformement ma' dak hawn deċiż:

i. tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tistabilixxi u tillikwida l-assi appartenenti lid-defunt Francis Camilleri bħala d-dar numru 59 fi Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex, bl-għamara *ivi* kontenuta fiha għajr għal-fridge, magna tal-ħasil, u arja kondizzjonata;

ii. tilqa' it-tieni (2) talba attriċi u tiddikjara tali assi diviżibbli f'porzjonijiet ugwali bejn [**a**] il-wirt battal ta' Benedict Camilleri – sehem wieħed; [**b**] il-wirt battal ta' Marie-Therese nee' Camilleri miżżewġa lil Roberto konjumu mhux magħruf – sehem wieħed; [**c**] il-wirt battal ta' Marie-Rose Pace nee' Camilleri – sehem wieħed; [**d**] l-eredi ta' Louis Camilleri ossia Lucy Camilleri, Jeffrey Camilleri, u Kathleen Chircop – sehem wieħed bejniethom; [**e**] George Camilleri – sehem wieħed; [**f**] Emanuel Camilleri – sehem wieħed; [**g**] Doris Said nee' Camilleri – sehem wieħed, u; [**h**] Pauline Fenech nee' Camilleri – sehem wieħed;

iii. tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) talba attriċi stante l-ħatra tal-Perit Alexei Pace fl-istadju tal-proċeduri li wasslu għal din id-deċiżjoni u l-konklużjoni tiegħu kif delinjata fir-relazzjoni ulterjuri tiegħu tal-5 ta' Frar, 2024 li l-proprjeta' ossia d-dar numru 59 fi Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex mhijiex komodament diviżibbli;

iv. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' (4) talba attriċi stante li fid-dawl ta' dak li ser jiġi deċiż fir-rigward tal-ħames (5) talba attriċi; ma' ssorġi ebda ħtiega għall-ħatra ta' nutar kif rikjest;

v. tilqa' il-hames (5) talba attriċi u stante li mir-relazzjoni tal-Perit Alexei Pace msemmija rriżulta li l-proprjeta' ossia d-dar numru 59 fi Triq l-Isptar San Giljan, il-Fontana, Għawdex mhijiex komodament diviżibbli; tordna l-bejgħ tal-istess proprjeta' bil-liċitazzjoni bir-rikavat minn tali bejgħ jiġi ripartit bejn il-partijiet

imsemmija fil-paragrafu tnejn (ii) ta' din il-parti diżpożittiva ta' din id-deċiżjoni fl-ishma lilhom spettanti skont l-istess paragrafu tnejn (ii) wara li mill-istess titnaqqas ukoll dik il-parti mill-ispejjeż ta' din il-kawża kif ser jingħad hawn aktar l-isfel.

Il-porzjon tar-rikavat mil-bejgħ li tirriżulta dovuta lil wirtijiet battala ta' Benedict Camilleri, Marie-Therese nee' Camilleri miżżewġa lil Roberto konjumu mhux magħruf, u Marie-Rose Pace nee' Camilleri jidher għalijha l-kuratur deputat l-Avv. Dr. Kevin Mompalao u tinżamm taħt l-Awtorita' ta' din il-Qorti.

Bl-ispejjeż ta din il-kawża jkunu a karigu tal-attur għajr, tenut kont li l-konvenuti Pauline Fenech, Doris Said, u Emanuel Camilleri ma' oġġezzjonawx għad-diviżjoni mitluba, għall-ispejjeż referibbli għall-ħatra u x-xogħol magħmul mill-kuratur deputat l-Avv. Kevin Mompalao in rappreżentanza tal-eredi ta' Louis Camilleri u l-wirtijiet battala ta' Benedict, Marie-Therese, u Marie-Rose aħwa Camilleri li għandhom ukoll jitħallsu mill-attur salv impreġudikat id-dritt tiegħu li jirkupra l-istess mir-rikavat tal-bejgħ bil-liċitazzjoni tal-proprjeta' in mertu qabel l-istess rikavat jiġi spartit kif hawn deċiż.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur